**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, it-8 ta’ Frar 2023**

Kaz Nru: 32/2012

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Norbert Ciappara)

**kontra**

**SALVINU BUHAGIAR**

(Detentur tal-karta tal-identita’ Maltija bin-numru 67569(M))

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Salvinu Buhagiar ta’ 39 sena, imwieled il-Mosta fis-7 ta’ Frar 1969, iben Joseph u Maria nee’ Farrugia, residenti gewwa Kensington Court, Flat 4, Triq San Timotju, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 67569(M) senjatament akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fl-4 ta’ Mejju 2008:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellek licenzja mill-President ta’ Malta minghajr ma kont awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi

perikolusi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kont fil-pussess t'awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellek licenzja jew xort'ohra awtorizzat li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellek licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellek licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess t'awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skkond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tfotni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President t'a Malta li jkollok d-droga msemmija fil-pussess teighu u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligjiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali datat it-3 ta' Gunju 2011, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) li permezz tieghu, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta kif ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta;

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti (diversament preseduta) datat it-13 ta' Marzu 2019, permezz ta' liema din l-istess Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta[2];

---

[1] Fol. 4 tal-atti processwali
[2] Fol. 133 tal-atti processwali

Rat in-nota pprezentata mill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li nqabdu bid-Droga datata t-13 ta' Jannar 2021, li permezz taghha l-Bord informa lil din il-Qorti li l-imputat odjern kien zamm kuntatt mal-Caritas, qatt ma taha l-urina ghat-testijiet hlief darbtejn li taha l-isptar mhux supervised u ghaldaqstant irrimetta l-kaz lura lil Qorti ai termini tal-artikolu 8(4) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat u semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

A. Il-Fatti

Il-kaz odjern jirrisali lura ghat-2 ta' Mejju tas-sena 2008. Dakinhar il-pulizija kienu qed jaghmlu osservazzjoni fuq il-qua imputat fejn gie nnotat jaghmel kuntatt ma persuna ohra li wara giet identifikata bhala Paul Howes. Wara dan il-kuntatt din il-persuna twaqqfet u wara tfittxija mill-pulizija fuq il-persuna taghha nstabet fil-pussess tad-droga kokajina b'mod partikolari sachet li l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwerenti u kkonfermat fl-iter proceduri odjerni, l-ispizjar Godwin Sammut, ikkonkluda li:

> *"Illi estratt mehud mis-sustanza ta' lewn abjad li hemm fid-dokument 183_09_05 [Paul Howes] instabet is-sustanza kokaina. Il-piz tat-trab kien ta' 0.86 grammi u l-purita' kienet ta' circa 34%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*[3]

Wara gie mwaqqaf il-qua imputat Salvinu Buhagiar. Minn tfittxija li saret fuq il-persuna tieghu l-pulizija sabu hdax-il qartas kontenenti sustanza suspettata illegali gewwa pakkett sigaretti. Saret ukoll tfittxija fil-vettura tieghu fejn instabu zewg mobile phones, xi boroz, xi kantunieri vojta tal-plastic. Sussegwentament il-pulizija ghamlet ukoll tfittxija fir-residenza tal-istess imputat fejn instabet xi karta b'xi numri kif ukoll madwar hdax-il qartas iehor kontenenti sustanza suspettata illegali. L-ispizjar Sammut analizza l-qratas hawn fuq imsemmija (22 qartas b'kollox) u kkonkluda:

> *"Illi fl-estratti mehud mis-sustanzi ta' lewn abjad li hemm fid-dokumenti 183_09_01 u 183_09_03 [Salvinu Buhagiar] instabet is-sustanza kokaina. Il-piz tas-sustanza kien ta' 12.70 grammi u l-purita' tat-trab kien ta' circa 36%. Din is-sustanza hija kkontrollata*

[3] Fol. 50 tal-atti processwali.

*bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*[4]

Paul Howes ha l-pedana tax-xhieda li min-naha tieghu kkonferma li dakinhar li gie arrestat mill-pulizija huwa kien ghadu kif xtara qartas minghand persuna li kien iltaqa maghha darba wahda biss ghal dan l-iskop. Huwa jghid li hemm t-trapass taz-zmien u ma jiftakarx min kien dan il-persuna u lanqas jaf ismu. Huwa fl-ebda hin ma identifika lill-qua imputat bhala dak il-persuna li xtara minghandu d-droga kokaina.

Illi fil-kors tal-investigazzjonijiet li saru in konnessjoni ma dan il-kaz, il-pulizija nterrogat lill-qua imputat – Salvinu Buhagiar. Fil-fatt l-istqarrija ttiehditlu nhar l-4 ta' Mejju tas-sena 2008 mill-ispettur Norbert Ciappara fil-prezenza ta' PC1183 wara li nghata nformazzjoni sufficjenti dwar id-dritt tas-silenzju. Madanakollu huwa fl-ebda hin ma gie mghoti d-dritt ghall-assistenza legali la qabel u lanqas waqt l-istqarrija. Minn analizi tal-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm ragunijiet impellenti l-ghaliex l-imputat ma giex mghoti d-dritt ghall-assistenza legali waqt l-istqarrija. Minn qari tal-istess stqarrija jirrizulta li l-imputat inkrimina ruhu rigward l-imputazzjonijiet migjuba. Minn analizi tal-fedina penali tal-imputat ma jirrizultax li huwa persuna refrattarja. L-imsemmija stqarrija jirrizulta li kien l-unika prova tal-prosekuzzjoni rigward xi imputazzjonijiet (partikolarment l-ewwel imputazzjoni) migjuba fil-konfront tieghu filwaqt li prova sostanzjali rigward il-bqija tal-imputazzjonijiet addebitati lilu. Din il-Qorti, wara li qieset il-principji stabbiliti fl-insenjament mghoti fil-kaz **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, u l-principji stabbiliti ricentament permezz tas-sentenzi mghotija mill-Qrati ta' gurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[5]. Fic-cirkostanzi msemmija hawn fuq, u fid-dawl tal-insenjament rigwardanti din il-materja, bil-ghan li ma jigux mittiefsa d-drittijiet tal-imputat, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tiskarta l-istqarrija tal-imputat fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar ir-reita o meno tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

## B. Kunsiderazzjonijiet dwar ir-responsabilita' tal-imputat

### B.1 Traffikar tal-kokaina

[4] Fol. 50 tal-atti processwali.

[5] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022) u Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022).

Mill-provi mressqa, galadarba giet skartata l-istqarrija tal-imputat fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet maghmula iktar 'il fuq f'din is-sentenza, ma jirrizultawx provi diretti li jissostanzjaw l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-qua imputat u cioe' dik tat-traffikar tas-sustanza kokaina. Il-prosekuzzjoni ressqet bhala xhud f'dan ir-rigward lil Paul Howes li min-naha tieghu ghalkemm ikkonferma li dakinhar ftit qabel gie arrestat mill-pulizija kien iltaqa ma ragel iehor u xtara qartas kontenenti s-sustanza kokaina, huwa fl-ebda hin ma identifika lill-imputat bhala dak il-persuna. Irid jinghad ukoll li ghalkemm l-ufficjali tal-pulizija xehdu li huma kien qed jaghmlu osservazzjonijiet fuq il-qua imputat u li waqt dawn l-osservazzjonijiet l-imputat gie osservat jaghmel kuntatt ma Howes, l-istess ufficjali naqsu milli jixhdu dwar x'tip ta' kuntatt sar u jekk waqt dan il-kuntatt giex mghoddi xi oggett minghand Buhagiar lil Howes. Din il-Qorti hja ukoll sprovista minn prova dwar analizi tas-sustanza misjuba fil-pussess ta' Howes u tas-sustanza misjuba fil-pussess ta' Buhagiar bil-ghan li jigi stabbilit jekk dawn iz-zewgt sustanzi setghax kellhom storja komuni. Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi kif ukoll il-grad ta' prova mistenni mill-prosekuzzjoni, din il-Qorti ma tistax issib lill-qua imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

## B.2 Pussess aggravat tal-kokaina

Jibda biex jinghad li l-imputat ma huwiex qed jikkontesta l-pussess xjenti tas-sustanzja kokaina (tenut kont il-konkluzzjonijiet tal-ispizjar Godwin Sammut). Fil-fatt din instabet fuq il-persuna tieghu u fir-residenza tieghu. Ghaldaqstant jonqos biss li jigi determinat jekk dan il-pussess kienx wiehed intiz ghall-ispacc jew altrimenti ghall-konsum esklussiv tal-istess Buhagiar.

Illi fuq il-persuna tieghu waqt li l-imputat kien barra mir-residenza tieghu u wara li gie osservat jaghmel kuntatt ma terza persuna instabu madwar hdax-il qartas kokaina. Dan l-ammont ta' qratas huwa wiehed kunsiderevoli u anke tenut kont li dawn instabu fuq il-persuna tal-imputat waqt li kien barra mir-residenza tieghu huwa indikattiv ta' spacc u mhux ta' konsum personali. Dan qed jinghad il-ghaliex f'serata wahda l-ebda persuna ma tista' tkkonsma l-ammont ta' hdax-il qartas minghajr ma jkun hemm kumplikazzjonijiet serji jekk mhux fatali ghas-sahha tal-persuna li jkun. Di piu' irid jinghad li mir-rapport ta' Godwin Sammut jirrizulta li dawn il-qratas kellhom piz simili u ghaldaqstant dan jindika li dawn kienu lesti sabiex jigi mqassma lil terzi. Issir referenza ukoll ghall-oggetti elevati mill-vettura tal-imputat li ukoll huma indikattiv ta' spacc galadarba instabu kantunieri vojta tal-boroz li facilment setghu jintuzaw biex isir qartas. Rir-rigward tal-hdax-il qartas li nstabu d-dar li ukoll kien imqassma f'piz simili, irid jinghad li ukoll huma indikattivi ta' spacc tenut kont ic-cirkostanzi li l-imputat gie arrestat mill-pulizija fejn fizikment fuqu kellu hdax-il qartas iehor. Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li din l-imputazzjoni giet ampjament

ippruvata mill-prosekuzzjoni u ghaldaqstant il-qua imputat ser jinsab hati tal-istess.

C. Piena

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tal-imputazzjonijiet li taghhom l-imputat qed jinsab hati; u l-fedina penali (aggornata) tal-imputat minn fejn kjarament jirrizulta li l-imputat ma huwiex persuna ta' karattru refrattarju. Mill-atti processwali jirrizulta li din il- Qorti assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga fit-termini tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u rreferiet lill-qua imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li nqabdu bid-droga. L-imsemmi Bord irriferra lura l-kaz tal-imputat quddiem din il-Qorti ai termini tal-artikolu 8(4) tal-Kap. 537 fejn infurmaha li ghalkemm l-imputat attenda s-sezzjonijiet tal-Caritas huwa ma setghax ihalli kampjuni tal-urina bil-ghan li dawn ikunu jistghu jigu analizzati bil-ghan li jigi determinat jekk l-imputat kienx qed jikkonsma sustanzi illeciti. Mill-provi mressqa mid-difiza wara li l-kaz tal-imputat gie rimess lura lil din il-Qorti jirrizulta kjarament li l-qua imputat ipprova diversi drabi jhalli kampjuni mal-Caritas (taht supervizzjoni) madanakollu huwa ma setghax jaghmel dan. Xehed ukoll l-imputat li kkonferma bil-gurament id-diffikulta li kellu sabiex ihalli kampjuni tal-urina u dana minkejja li kien jixrob diversi litri tal-ilma u wara hin twil biex forsi jirnexxielu jhalli kampjun. Ir-rapprezentant tal-Caritas mhux biss tikkonferma din il-problema li l-imputat ihalli kampjuni tal-urina izda anke tikkonferma t-tbatija li kien jghaddi minnha l-imputat ma jmur jipprova jhalli kampjun. Din id-diffikulta kienet diskussa mill-Bord fejn gie suggeriet lill-imputat sabiex imur ihalli kampjun l-isptar Mater Dei. Dawn il-kampjuni rrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti u dan minkejja li bhala kampjuni ma thallewx b'mod supervised. Irrispettivament minn din id-diffikulta mill-provi mressqa anke sabiex din il-Qorti tkun tista tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga, jirrizulta car li l-qua imputat kien dipendenti fuq is-sustanza kokaina tant li kien gie diagnosed li kellu Severe Cocaine Use Disorder. Mill-istess provi jirrizula ukoll li anke qabel ma din il-Qorti assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga l-qua imputat kien gia biddel hajtu fejn mhux biss kien qata kompletament il-konsum ta' sustanzi illeciti izda kien ukoll biddel kompletament l-istil ta' hajja tieghu fejn beda jghix hajja stabbli. Mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Caritas jirrizulta ukoll li wara li l-imputat gie riferut quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, l-qua imputat zamm kuntatt regolari mal-Caritas u l-andament tieghu kien wiehed pozittiv.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' (a) in-natura tal-imputazzjonijiet li taghhom ser jinsab hati; (b) li l-istess reati jirrizulta li huma sostanzjalment attribwibbli ghad-

dipendenza severa li l-qua imputat kellu dak iz-zmien fuq s-sustanza kokaina u (c) li llum Buhagiar irnexxielu jeghleb l-imsemmija dipendenza u jirriforma hajtu kompletament fejn illum, mix-xhieda mismugha jirrizulta li qed jghix hajja stabbli ‘l boghod mid-droga, din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tinfliggi piena alternattiva minn dik ta’ prigunerija effettiva.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat ir-regolament 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta’ Malta qed issib lill-qua imputat, Salvinu Buhagiar, mhux hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu filwaqt li qed isibu hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Ghaldaqstant din il-Qorti qed tikkundana lill-qua imputat Salvinu Buhagiar ghal piena ta’ sena prigunerija li ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija fi zmien sentejn millum.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-hati Salvinu Buhagiar sabiex ihallas l-ispejjez fl-ammont ta’ Eur. 856.47 konnessi mal-hatra ta’ l-esperti fil-proceduri odjerni fi zmien sena millum.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m’għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta’ ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) ghal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Fl-ahhar net, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita’ tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza hawn fuq indikat.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur